MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 714/1992/1

**John Galdes ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Galdes & Mamo Ltd agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha is-socjeta' J.P. Baldacchino & Co. Ltd. u b'nota tal-25 ta' April, 2000 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited qed tassumi l-atti minflok is-socjeta' Galdes & Mamo Insurance Agency Limited.**

**Vs**

**James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi tas-socjeta' Gollcher Company Ltd agenti Malta ta' excel Shipping Co. Ltd. trasportaturi tal-merkanzija *de quo* fuq il-vapur KALKARA kif ukoll l-istess socjeta' Gollcher Company Ltd bhala operaturi ta' *bond* privat Ricasoli.**

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Mejju, 1992, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi s-socjeta' J.P. Baldacchino Ltd importat gewwa Malta mill-Ingilterra ghoxrin (20) kaxxi b'*solder coated Brass Tubes"* kif jirrizulta minn Polza mahruga minn Excel Shipping Co. Ltd. (Dok A);

Ippremettiet illi wara li l-merkanzija, li kienet go *groupage container*, giet mehuda l-*bond* privat tas-socjeta' konvenuta u minn hemm kunsenjata lill-importatur irrizulta li disa' (9) mill-kaxxi kienu miksura u hafna mill-"*brass tubing"* dannegjati;

Ippremettiet li ghal din il-hsara, stabbilita mis-*surveyors* Mediterranean Technical Services Ltd (Dok B), is-socjeta' assikuratrici Royal International Insurance Holdings Ltd, kif kienet obbligata, hallset is-socjeta' importatrici assikurata s-somma ta' elfejn mija u sbatax-il lira u hamsa u hamsin cents (LM2,117.55) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importaturi (Dok C).

Ippremettiet li l-konvenuti James Gollcher *et noe* huma responsabbli ghall-hsara w talbu biex ighidu l-konvenuti *nomine* ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandhomx:

1. Jigu dikjarati responsabbli ghall-hsara fuq indikata u

2. Jigu ikkundannati ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm2,117.55 bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament (24-8-91) mhabba danni sofferti mill-importatur li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lil attur *nomine.*

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine* li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi :
1. D-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma preskritti billi ghaddew aktar minn disa' xhur mill-wasla tal-vapur hawn Malta ghall-prezentata tac-citazzjoni. vide klawsola numru 30 tal-Polza tal-Karigu.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti *nomine* qdew fedelment l-inkarigu taghhom u jekk gara xi hsara din ma gratx b'xi tort taghhom. Setghet grat b'rizultat ta' *packing* difettuz.

3. Sussidjarjament u bla pregudizzju li in kwantu id-domandi attrici huma diretti kontra is-socjeta' lokali, dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat billi huma qdew fedelment l-inkarigu lilhom fdat.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet furamentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-24 ta' Mejju, 1993, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti *nomine* u konsegwentament iddikjarat l-azzjoni perenta a tenur tal-klawsola 30 (B) tal-Polza ta' Kariku, bl-ispejjez kontra l-attur *nomine;*

Rat li minn din is-sentenza sar Appell;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' April, 1998, li in forza taghha laqghet l-Appell, irrevokat is-sentenza appellata u cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti *nomine* appellati, u rrinvjat l-atti tal-kawza lil din il-Qorti sabiex il-kawza titkompla skond il-ligi. L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku ta' l-appellati l-konvenuti *nomine;*

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;
Illi din il-kawza tikkoncerna tghabbija ta' "*solder coated Brass tubes"* li s-socjeta' J.P. Baldacchino & Co. Ltd kienet ordnat mill-Ingilterra. Dik il-kumpanija qabdet lis-socjeta' estera, Excel Shipping Co. Ltd., rapprezentata hawn Malta mis-socjeta' Gollcher Co. Ltd, biex tiehu hsieb titrasporta l-merkanzija ghal Malta. Jirrizulta illi s-socjeta' estera esportatrici ppakkjat il-vireg f'kaxxi ta' dsatax-il pied u kkonsenjathom lis-socjeta' Excel Shipping Co. Ltd. ghat-trasport. Din ta' l-ahhar ippakkjat il-kaxex bil-vireg f'qiegh *container* , u peress li t-trasport kellu jsir f'*groupage container*, poggiet fuq il-kaxex tal-vireg merkanizja ohra. L-ippakkjar tal-merkanzija kollha fil-*container* sar mill-haddiema u impjegati tas-socjeta' Excel Shipping Co Ltd. Jidher li l-ippakkjar ma sarx tajjeb u minhabba l-piz tal-merkanzija stokjat fuq il-kaxex bil-vireg, nfaqghu l-gnub ta' dawn il-kaxex, bil-konsegwenza li l-vireg hargu, bdew jiccaqilqu 'l hawn u 'l hinn fil-*container,* u hafna minnhom gralhom hsarat kbar; whud kellhom qarsa li minhabba fiha, il-vireg saru total loss. Peress li l-vireg hargu mill-kaxex rispettivi taghhom, meta, wara li l-*container* wasal Malta, infethet il-bieba tal-*container* fil-bond *stores,* hafna mill-vireg waqghu ma' l-art, u dawk li baqghu fil-*container* kellhom jinhargu wahda wahda. Skond *survey* maghmul minn Joseph Spiteri, mqabbad mis-socjeta' assikuratrici tad-ditta importatrici, instab li kien hemm disa' mill-ghoxrin (20) kaxxa miksura; tmienja minn dawk kellhom hsarat kbar tant li 55% biss mill-kontenut kien utilizabbli, filwaqt li mill-kaxxa l-ohra, 75% minnha seta jintuza. Peress li d-ditta importatrici, J.P. Baldacchino & Co. Ltd., kien assikurata mas-socjeta' attrici, din ta' l-ahhar hallset ghad-danni fl-ammont ta' LM2,059.55, u wara li dina giet issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha, fethet dawn il-proceduri biex tirkupra l-imsemmija somma ta' LM2,059.55 u LM58 li thallsu minnha bhala "*survey fees*"; b'kollox is-socjeta' attrici qed titlob hlas tas-somma ta' LM2,117.55.

Jirrizulta wkoll li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur "*in apparent good order and condition"* li hija prova *prima facie* li l-merkanzija tghabbiet f'kundizzjoni tajba u li l-istess vapur, allura, ghandu obbligu li jhott il-merkanzija fl-istess kondizzjoni: "Mamo et noe vs Mifsud et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Gunju, 1987. Intqal ukoll li "*Il rilascio di una polizza di carico nella quale la merce viene descritta come apparantament in buona condizione, mentre tale non e', rende il vapore responsabile della perdita di fronte al ricevitore"* – "Nicosia vs Smith", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Jannar, 1921. It-trasportaturi f'din il-kawza kienet is-socjeta' Excel Shipping Co. Ltd. reapprezentati hawn Malta mis-socjeta' konvenuta Gollcher Co. Ltd.

Mill-fatti kif jirrizultaw u kif deskritti aktar qabel, liema cirkustanzi ta'fatt, hafna minnkom, hargu mix-xhieda dettaljata u cara li ta' Colin Micallef, li, f'dak iz-zmien, kien Bond Operator mad-ditta konvenuta, ghandu jirrizulta li responsabbli ghall-hsarat ma tistax tkun persuna ohra hlief is-socjeta' estera Excel Shipping Co Ltd. Kienet din li hadet konsenja tal-kaxex tal-vireg u kienet hi wkoll li ppakkjat il-kaxex ma' merkanzija ohra f'*container.* B'rizultat ta' *packing* mhux tajjeb li hi ghamlet, irrizulta li l-gnub tal-kaxex nfaqghu, hafna mill-vireg tal-hadid hargu mill-kaxex u gratilhom hsara. Il-hsara grat rizultat ta' ppakkjar u *management* hazin tal-merkanzija mdahhla fil-*container* da parti tas-socjeta' konvenuta *nomine*, u kwindi hi ghandha twiegeb ghall-hsarat li sehhew.

Dwar id-danni jirrizulta li s-socjeta' attrici hallset is-somma ta' LM2,059.55 ghall-hsarat li garbet is-socjeta' importatrici fil-merkanzija. Dan il-hlas gie konfermat u hu konformi ma' l-entita' tal-hsara kif indikata mis-Sur Joseph Spiteri fis-*survey* tieghu.

Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll ir-rimbors tas-*survey fees* minnha nkorsi. Dwar dan jinghad a propositu, illi filwaqt li gew decizi li dawn huma rekuperabbli bhala danni – "Staines noe vs Gollcher noe et" , deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001 – recentement gie

deciz ukoll li s-*survey fees* li ma tkunx giet surrogata fihom, ma jistghux jintalbu mis-socjeta' li tagixxi biss bhala surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikuratur – “Pace noe vs Hili noe” deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Gunju, 2003. F’din il-kawza wkoll, is-socjeta’ attrici qed tagixxi biss bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikuratur taghha, u kwindi s-*survey fees*, li gew zborzati minnha *in nome proprio*, mhumiex rekuperabbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ atrrici *in linea* tad-danni s-somma ta’ LM2,059.55 (elfejn u disa’ u hamsin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu) bl-imghax legali mill-24 ta’ Awissu, 1991, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------